**NOMINA TAS-SUR JOSEF AZZOPARDI GĦALL-ĦATRA**

**TA’ AMBAXXATUR TA’ MALTA, MHUX RESIDENTI GĦAL-LESOTHO**

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Gvern*

1. X’taħseb li huma l-isfidi li qed tara fil-pajjiż rispettiv fejn se tinħatar bħala Ambaxxatur? U kif qiegħed tara dawn l-isfidi jiġu indirizzati f’dan il-pajjiż?

Lesotho huwa stat ġo stat ieħor jiġifieri pajjiż mdawwar minn pajjiż ieħor, bħalma huwa l-Vatikan u San Marino ġo l-Italja. Huwa pajjiż fuq il-muntanji. Pajjiż li jiddependi ħafna fuq l-Afrika t’Isfel minkejja li huwa indipendenti. L-indipendenza ħaduha fl-4 ta’ Ottubru 1966 mill-Gran Brittanja sentejn wara li aħna sirna indipendenti mill-istess kolonjalisti. Il-popolazzjoni hija biss ta’ madwar żewġt miljuni.

Lesotho huwa wkoll pajjiż muntanjuż, fejn l-agrikoltura hija settur prinċipali, u ħafna minn dawk li m'għandhomx xogħol fis-settur agrikolu jfittxu opportunitajiet tax-xogħol fl-Afrika t’Isfel.

Barra minn hekk, il-pajjiż għandu riżorsi naturali bħal minjieri tad-djamanti u sors ta' ilma mill-muntanji, li jinbiegħ lill-Afrika t’Isfel, u dan joħloq opportunitajiet ekonomiċi.

Madankollu, Lesotho jiffaċċja sfidi serji li jaffettwaw il-popolazzjoni tiegħu.

L-isfidi ewlenin li jiffaċċja dan il-pajjiż jinkludu:

- Il-mard, speċjalment l-AIDS u l-HIV:
  - Il-pandemija tal-AIDS u l-HIV hija prevalenti f’Lesotho, u dan joħloq sfidi kbar fil-qasam tas-saħħa, speċjalment għad-dipendenza tal-pajjiż fuq l-għajnuna internazzjonali.

- Il-faqar u l-iskarsezza fl-ikel u l-produzzjoni tal-ikel:
  - Il-Lesotho jiffaċċja wkoll problemi fl-agrikoltura minħabba l-klima estrema u l-kundizzjonijiet tat-tibdil fil-klima, li jipperikolaw l-abilità tal-pajjiż li jipproduċi biżżejjed ikel għall-popolazzjoni tiegħu.

- Infrastruttura:
  - Il-pajjiż huwa nieqes minn infrastruttura tajba. Dan jwassal biex inaqqas it-tkabbir ekonomiku.

Għalkemm Lesotho għandu ħafna sfidi, il-kollaborazzjoni mal-Afrika t’Isfel tibqa’ kruċjali u dan jista' jipprovdi opportunitajiet għall-iżvilupp.

L-għajnuna internazzjonali, flimkien mal-iżvilupp ta’ strateġiji ta’ auto-suffiċjenza, jistgħu jgħinu fil-kisba ta' soluzzjonijiet għal dawn l-isfidi kbar.

F'dan ir-rigward, il-pajjiż għandu jkompli jissaħħaħ fi stat indipendenti filwaqt li jħeġġeġ l-iżvilupp ekonomiku, ittejjeb is-servizzi tas-saħħa u edukazzjoni, u jindirizza l-isfidi ambjentali li għandhom impatt fuq l-agrikoltura u allura fuq l-għajxien ta' tant familji.

2. X'inhuma l-binarji, b'mod ġenerali, li beħsiebek taħdem fuqhom f'każ li tinħatar Ambaxxatur?

L-ewwel punt kruċjali li nixtieq naħdem fuqu kemm-il darba nkun approvat huwa nkattar l-fiduċja bejn il-Gvern ta' Malta u il-Gvern tar-Renju ta' Lesotho. Bħala nazzjonijiet indipendenti, membri tal-Ġnus Magħquda u fil-Commonwealth, għandna nagħtu s-sostenn lil xulxin f'diversi oqsma, u anki f'kumitati biex jiggwadanjaw iż-żewġ stati.

Permezz tal-esperjenza tiegħi fis-settur edukattiv, nemmen li hemm ħafna potenzjal għal kollaborazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi f'dan il-qasam. L-istrateġiji edukattivi u l-prattiċi li Malta żviluppat tul is-snin jistgħu jkunu ta' kontribuzzjoni għall-għarfien u l-ħiliet f'Lesotho, filwaqt li nistgħu nitgħallmu wkoll mit-tajjeb ta' ħaddieħor.

Kwistjoni oħra li teħtieġ aktar sforz u kooperazzjoni internazzjonali hija l-problema serja tat-traffikar tal-bnedmin. Din il-problema qiegħda tikber f'ħafna pajjiżi, inkluż Lesotho, u l-ħidma komuni bejn pajjiżi bħall-Malta u Lesotho tista' tkun determinanti għall-ġlieda kontra dan il-fenomenu.

L-ambjent huwa wkoll settur li huwa partikolarment għal qalbi. Fl-aħħar tmien snin, ħdimt mal-istudenti permezz tal-programm Ekoskola, li jgħin fl-iżvilupp ta' mexxejja ġodda favur l-ambjent. L-Ekoskola hija inizzjattiva internazzjonali li diġà ġiet adottata f'ħafna pajjiżi madwar id-dinja. Filwaqt li l-programm huwa diġà attiv fl-Afrika t'Isfel, dan għadu ma wasalx f'Lesotho.

Għaldaqstant, nara ħafna valur fil-bidu ta' kollaborazzjoni bejn l-iskejjel Maltin u dawk ta' Lesotho, fejn l-istudenti jistgħu jikkomunikaw u jaqsmu ideat u proġetti favur l-ambjent.

L-użu tat-teknoloġija jista' jkun il-mezz għall-ħolqien ta' din it-tisħiħ ta' relazzjonijiet edukattivi.

Min-naħa ekonomika, l-Afrika hija minjiera ta' riżorsi naturali, u l-pajjiżi l-kbar qed jaraw kif jutillizaw din l-opportunita'. Il-Lesotho, b'riżorsi naturali bħad-djamanti, għandu potenzjal kbir. F'Lesotho ġew skoperti wħud mill-akbar djamanti fid-dinja, li jġibu miljuni ta' Ewro. Dan joffri opportunitajiet għall-kummerċ internazzjonali, u l-Belġju huwa eżempju ta' pajjiż Ewropew li qed jisfrutta dawn ir-riżorsi naturali.

Għalhekk, jeżisti l-bżonn li nibnu relazzjonijiet f'dawn is-setturi, bil-għan li nistabbilixxu kooperazzjoni bejn Malta u Lesotho, li tgħin sabiex jiġu sfruttat l-potenzjal kollu li dan il-pajjiż għandu x'joffri.

3. Bħala Ambaxxatur, kif tara li x-xogħol tiegħek jista' jwassal sabiex jiżdiedu u jitjiebu r-rabtiet politiċi u soċjali ma' pajjiżna?

Dan il-pajjiż għandu ħafna affarijiet komuni ma’ pajjiżna. Fil-fatt, iż-żewġ pajjiżi huma membri tal-Ġnus Maqgħuda u membri tal-Commonwealth. Kif semmejt fi tweġiba Nru 2, f’dan l-istadju bikri, il-fiduċja bejn iż-żewġ pajjiżi hija essenzjali, u huwa kruċjali li wieħed joffri l-idejn tal-ħbiberija għall-koperazzjoni.

Ma nistgħux nibdew nagħmlu passi kbar qabel ma nkunu kabbarna l-fiduċja f’xulxin, għalhekk l-ewwel passi huma fundamentali ħafna.

Min-naħa ta’ Lesotho, hemm ix-xewqa li tissaħħaħ il-ħbiberija u l-koperazzjoni. Għaldaqstant, Malta, permezz ta’ din in-nomina, qed turi b’mod ċar u determinat li hi wkoll lesta li timxi ‘l quddiem f’din il-pożizzjoni ta’ ħbiberija u koperazzjoni.

4. Liema taħseb li huma l-isfidi prinċipali li għandna negħlbu sabiex insaħħu r-relazzjoni bejn iż-żewġ pajjiżi?

Meta f'Ġunju li għadda, is-Sur Lejone Mpotjoane, il-Ministru tal-Affarijiet Barranin tal-Lesotho, kien Malta, huwa tenna li: "We are geographically far apart yet closely related." Nemmen li din is-sentenza tispjega kollox.

Veru li aħna 'l bogħod ġeografikament, u d-distanza tista' toffri sfidi f'ħafna setturi, iżda hemm setturi u fora fejn it-tnejn nistgħu nkunu ta' għajnuna għal xulxin.

Madankollu, Lesotho jaffaċja sfidi kbar, b'mod speċjali l-faqar, mard bħal Aids u HIV, skarsezza fl-ikel u diffikultà biex jiġi prodott l-ikel. Il-pajjiż huwa vulnerabbli wkoll minħabba t-tibdil fil-klima. Lesotho għandu sfidi kbar fl-edukazzjoni, fis-settur tas-saħħa, u fl-infrastruttura.

Huwa pajjiż li għadu qed jiżviluppa u li jserraħ ħafna fuq l-Afrika t’Isfel.

5. X’taħseb li huma n-niċeċ li nistgħu nsibu sinerġiji fuqhom bejn Malta u l-pajjiż rispettiv li int se tkun se tirrappreżenta lil pajjiżna?

Malta u Lesotho, żewġt nazzjonijiet li kien kolonji tar-Renju Brittaniku. Iż-żewġ pajjiżi konna attivi fit-Tieni Gwerra Dinjija u konna fuq l-istess naħa, dik tal-Alleati. It-tnejn aħna pajjiżi li ħadna l-Indipendenza mill-Gran Brittanja, Malta fil-21 ta’ Settembru 1964, u Lesotho sentejn biss wara jiġifieri fl-4 ta’ Ottubru 1966.

Iż-żewġ stati mhux kbar ħafna kemm fil-daqs tal-art kif ukoll bħala popolazzjoni. It-tnejn membri tal-Ġnus Maqgħuda u t-tnejn membri fil-Commonwealth.

6. Kif tara li għandna nsaħħu r-relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi bejn iż-żewġ pajjiżi rispettivi?

Setturi nteressanti li wieħed jrid jesplora bħala nteress komuni huma: l-edukazzjoni, il-farmaċewetika, l-akwakultura u t-turiżmu.

Minħabba l-faqar li għandu Lesotho, hemm bżonn għajnuna fejn jidħol is-settur edukattiv. Nemmen li Malta f'dan l-aspett għandha ħafna x'toffri.

Fejn tidħol il-farmaċewtika, l-kummerċ Malti għandu fejn jespandi.

Il-fatt li Lesotho hija nieqsa mill-baħar peress li dan huwa pajjiż ġol-muntanji, wieħed jrid jesplora niċeċ ġodda ta' kummerċ fejn jidħol l-akwakultura.

Anki t-turiżmu minkejja l-impatt tad-distanza wieħed għandu jikkunsidrah hekk kif il-pajjiż huwa mżejjen bil-muntanji, kaskati, silġ, xenarju spettakolari, storja u kultura.

7. F'dan ir-rigward, tara li hemm trattati li jistgħu jitħaddmu aħjar bejn iż-żewġ pajjiżi? Jew trattati oħra li għandhom jiġu esplorati għaż-żmien li ġej?

It-trattati bejn iż-żewġt pajjiżi huma bażiċi ħafna u għadhom fi stadju inizjali.

Fil-fatt fil-11 ta' April 2006 sar l-ewwel trattat fejn il-pajjiżi wegħdu kolaborazzjoni bilaterali fuq livell diplomatiku.

Fil-25 ta' Novembru 2015, komplew jissaħħu dawn ir-relazzjonijiet u ġie iffirmat Memorandun of Understanding bejn iż-żewġt pajjiżi. L-għan tiegħu kien aktar kolaborazzjoni u djalogu bejn iż-żewġt pajjiżi.

Nemmen li ġaladarba d-djalogu diplomatiku jissaħħaħ allura għandu jkun hemm aktar trattati ta' sustanza. Trattati li jżidu l-koperazzjoni, u li jiffaċilitaw l-kummerċ u l-ħidma li tkun qed titwettaq.

8. Taħseb li hemm lok għal iżjed koperazzjoni fil-qasam tat-turiżmu bejn iż-żewġ pajjiżi rispettivi?

Il-Ministru tal-Affarijiet Barranin tal-Lesotho s-Sur Lejone Mpotjoane f'Ġunju li għadda meta kien Malta semma li hemm bżonn li nibdew diskussjonijiet fuq il-qasam turistiku bejn iż-żewġ pajjiżi rispettivi.

Dan huwa settur li għadu ġdid bejn iż-żewġ pajjiżi u li wieħed jrid jiftaħ diskussjonijiet bilaterali fuqu u jesplora dan is-settur.

Lesotho huwa pajjiż muntanjuż u fih innifsu huwa attrazzjoni turistika. Huwa l-uniku pajjiż Afrikan li jkollu s-silġ. Fil-fatt ġewwa l-Lesotho jsir is-skiing ukoll. Iż-żmien tal-iskiing huwa bejn Ġunju u Awwissu, żmien meta bosta Maltin jieħdu l-vaganzi tagħhom.

Il-pajsaġġ apparti li muntanjuż jħaddan fih wkoll kaskati u anki xmajjar.

Prattikament il-pajjiż huwa mogħni bl-ambjent naturali li għandu valur kbir fejn jidħol it-turiżmu.

9. Fuq livell ta' politika Ewropea u Internazzjonali, tara bejn iż-żewġ pajjiżi rispettivi li jistgħu isaħħu l-koperazzjoni bejniethom b'mod partikolari fuq livell ta' Unjoni Ewropea?

Malta u Ċipru huma l-uniċi żewġt pajjiżi fl-Unjoni Ewropea li huma membri fil-Commonwealth. Din is-sitwazzjoni tagħti saħħa lil Malta biex tibni pontijiet bejn il-Commonwealth u l-Unjoni Ewropea.

Malta tfittex li tintroduċi perspettiva Ewropea usa', u dan jgħin biex tinbena r-reżiljenza permezz ta' sforzi kollaborattivi fuq sfidi komuni.

Malta għandha opportunita' biex tkompli twassal l-valuri Ewropej, id-drittijiet tal-bniedem, iż-żamma tal-paċi fid-dinja u d-demokrazija lil pajjiżi li għadhom qed jiżvillupaw.

10. Tista' tispjega lill-Kumitat dwar jekk kontx involut matul il-karriera tiegħek fi ħdan il-Korp Diplomatiku u/jew il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin?

Din hija l-ewwel nomina tiegħi f'dan ir-rigward madankollu bħala student tal-Istorja fejn studjajt B.Ed (Hons) fl-Istorja u r-Reliġjon kien ikollna diversi *credits* flimkien mal-istudenti tal-International relations. Studjajt ukoll Diploma in Political Studies u anki Higher Diploma in Political Studies li bla dubbju ta' xejn ikunu ta' għajnuna kemm-il darba din in-nomina tiġi aċċettata.

11. Tista' tindika x'karigi għandek fil-preżent u jekk kemm-il darba tinħatar bħala Ambaxxatur, hux se tkun qed iżżomm xi kariga minnhom?

Naħdem bħala Deputat Kap ta' skola Medja tal-Istat, Viċi Sindku fil-Kunsill Lokali tal-Marsa, u Deputat Chairperson tal-bord tal-Infrastruttura Malta.

Ma jidhirx li xi kariga jew xogħol li għandi jistgħu jtellfu lili milli nokkupa l-kariga ta' Ambaxxatur mhux residenzjali kemm-il darba din in-nomina tiġi milqugħa.

12. Tista' tindika jekk għandekx xi attivitajiet kummerċjali? Jekk iva, tista' tindika jekk dawn l-attivitajiet kummerċjali jikkostitwixxux xi kunflitt ta' interess ma' din il-kariga prospettiva?

Le, m'għandi ebda attivita' kummerċjali u m'inix negozjant.

13. Tista' tinforma lill-kumitat jekk diġà kellekx jew għandekx xi rabtiet jew investimenti kummerċjali mal-pajjiż rispettiv?

Le, m'għandix.

*Mistoqsijiet sottomessi mill-Membri tal-Oppożizzjoni*

1. Kif tiddeskrivi r-rwol ta' Ambaxxatur ta' Malta mhux residenti għal Lesotho?

Peress li din hija l-ewwel darba li hemm nomina għal Ambaxxatur Malti mhux residenti għal Lesotho, hemm bżonn li wieħed jibni l-pontijiet u jsaħħaħ il-ħbiberija li diġa nibtet. Hemm bżonn li bejn iż-żewġt pajjiżi jkun hemm fiduċja f'xulxin u ħidma id f'id f'oqsma internazzjonali fejn it-tnejn nistgħu nkunu spalla ma' spalla ma' xulxin. Dan qed jingħad li ż-żewġt pajjiżi aħna membri tal-Commonwealth, u t-tnejn membri fil-Ġnus Maqgħuda.

2. Tista' tindika, fl-opinjoni tiegħek, liema huma l-isfidi prinċipali fir-relazzjonijiet bejn Malta u l- Lesotho?

Kif ktibt aktar 'il fuq, fi tweġiba Nru 4 tal-Membri tal-Gvern, f'Ġunju li għadda, is-Sur Lejone Mpotjoane Ministru tal-Affarijiet Barranin tal-Lesotho kien Malta, huwa tenna li 'We are geographically far apart yet closely related' nemmen li b'din is-sentenza fisser kollox.

Veru li aħna 'l bogħod b'mod ġeografiku, u d-distanza tista' toffri sfida f'diversi setturi iżda hemm setturi u fora fejn it-tnejn nistgħu nkunu ta' għajnuna għal xulxin.

Lesotho huwa stat ġo stat ieħor jiġifieri pajjiż mdawwar minn pajjiż ieħor, bħalma huwa l-Vatikan u San Marino ġo l-Italja. Huwa pajjiż fuq il-muntanji. Pajjiż li jiddependi ħafna fuq l-Afrika t'Isfel minkejja li huwa indipendenti. L-indipendenza ħaduha fl-4 ta' Ottubru 1966 mill-Gran Brittanja sentejn wara li aħna sirna indipendenti mill-istess kolonjalisti. Popolazzjoni hija biss ta' madwar żewġt miljuni.

Il-popolazzjoni fil-maġġoranza tagħhom jaħdmu fis-settur agrikolu. Oħrajn jfittxu xogħlijiet fl-Afrika t'Isfel. Il-pajjiż għandu minjieri tad-djamanti u sors importanti huwa l-ilma li jiġi mis-silġ tal-muntanji li jinbiegħ lis-South Africa.

Madankollu l-pajjiż għandu sfidi kbar, b'mod speċjali l-faqar, mard bħal Aids u l-HIV, skarsezza fl-ikel u diffikulta biex jiġi prodott l-ikel, u pajjiż li huwa vulnerabbli anki minħabba t-tibdil fil-klima. Lesotho għandu sfidi kbar fl-edukazzjoni, fis-settur tas-saħħa, u fl-infrastruttura.

Huwa pajjiż li għadu qed jiżviluppa u li jserraħ ħafna fuq is-South Africa.

3. Tista' tispjega x'inhuma l-pożizzjonijiet u interessi komuni li aħna nħaddnu mal-Lesotho?

Kif ktibt aktar 'il fuq, fi tweġiba Nru 5 tal-Membri tal-Gvern, żewġt nazzjonijiet li kien kolonji tar-Renju Brittaniku. Iż-żewġ pajjiżi konna attivi fit-Tieni gwerra dinjija u konna fuq l-istess naħa, dik tal-Alleati. It-tnejn aħna pajjiżi li ħadna l-Indipendenza mill-Gran Brittanja, Malta fil-21 ta' Settembru 1964, u Lesotho sentejn biss wara jiġifieri fl-4 ta' Ottubru 1966.

Iż-żewġ stati mhux kbar ħafna kemm fil-daqs tal-art kif ukoll bħala popolazzjoni. It-tnejn membri tal-Ġnus Maqgħuda u t-tnejn membri fil-Commonwealth.

Setturi interessanti li wieħed jrid jesplora bħala nteress komuni huma: l-edukazzjoni, il-farmatewetika, l-akwakultura u t-turiżmu.

Minħabba l-faqar li għandu Lesotho, hemm bżonn għajnuna fejn jidħol is-settur edukattiv. Nemmen li Malta f'dan l-aspett għandha ħafna x'toffri.

Fejn tidħol il-farmatewtika, l-kummerċ Malti għandu fejn jespandi.
Il-fatt li Lesotho hija nieqsa mill-baħar peress li dan huwa pajjiż ġol-muntanji, wieħed jrid jesplora niċeċ ġodda ta' kummerċ fejn jidħol l-akwakultura.

Anki t-turiżmu minkejja l-impatt tad-distanza wieħed għandu jikkunsidrah hekk kif il-pajjiż huwa mżejjen bil-muntanji, waterfalls, silġ, xenarju spettakolari, storja u kultura.

4. X'preparazzjoni u formazzjoni għandek fi ħdan korp diplomatiku?

Kif ktibt aktar 'il fuq, fi tweġiba Nru 10 tal-Membri tal-Gvern, din hija l-ewwel nomina tiegħi fil-Korp Diplomatiku. L-interess tiegħi dwar ix-xena internazzjonali huwa wieħed li ġej mill-fatt li jien gradwat bħala għalliem tal-Istorja/Reliġjon u Etika. Waqt il-kors tal-Baċelerat fl-Edukazzjoni kien jkolli bosta credits fl-International Relations.

Għal aktar minn għaxar snin jien għallimt l-Istorja Ġenerali u bħala Għażla fl-iskejjel sekondarji.

Apparti hekk studjajt ukoll Diploma u Higher Diploma in Political Studies. Studjajt ukoll Diploma fit-tagħlim tal-Etika.
Dejjem kelli interess kbir f'dak li jiġri fix-xena globali u b'mod regolari naġġorna ruħi bil-politika barranija.

5. Qatt ġejt assenjat ġewwa ambaxxata jew irċevejt xi forma ta' taħriġ fid-diplomazija?

Le, u jekk in-nomina tiġi aċċettata nħares 'il quddiem biex nitħarreġ dejjem aktar fid-diplomazija.

6. Tista' tinforma lill-kumitat jekk diġà kellekx żjarat fil-Lesotho u jekk għandekx xi rabtiet jew investimenti kummerċjali fil-Lesotho?

Le, qatt ma mort fil-Lesotho, u m'għandi ebda investiment kummerċjali fil-pajjiż.

7. Qatt kont involut f'negozjati, trattati jew f'dikjarazzjonijiet fl-interess ta' pajjiżna ma' pajjiżi oħra?

Le.

8. Tista' tindika jekk kontx impjegat mal-Istat Malti u, jekk iva, f'liema dipartiment/awtorità/entità?

Iva, jiena bdejt naħdem bħala Għalliem fl-2005 fi skejjel tal-Istat, u fl-2016 sirt Deputat Kap ta' skola Medja tal-Istat, kariga li għadni nokkupa sal-lum.

9. Tista' tindika jekk qatt kontx parti minn Segretarjat ta' Ministru jew Segretarju Parlamentari jew jekk ħdimtx fil-qrib tagħhom f'dawn l-aħħar snin?

Qatt ma kont parti minn Segretarjat ta' Ministru jew Segretarju Parlamentari. Għal żmien qasir kont advisor f'Ministeru. Bħala Sindku tal-Marsa bejn l-2019 u l-2024 ħdimt viċin ta' bosta Ministeri u Segretarjati.

10. Tista' tindika x'karigi tokkupa fil-preżent u liema minnhom beħsiebek iżomm f'każ li tiġi maħtur bħala Ambaxxatur ta' Malta mhux residenti għal Lesotho?

Naħdem bħala Deputat Kap ta' skola Medja tal-Istat, Viċi Sindku fil-Kunsill Lokali tal-Marsa, u Deputat Chairperson tal-bord tal-Infrastruttura Malta.

Ma jidhirx li xi kariga jew xogħol li għandi jistgħu jtellfu lili milli naħdem bħala Ambaxxatur mhux residenzjali kemm-il darba din in-nomina tiġi milqugħa.

11. Tista' tindika jekk fil-preżent għandekx attivitajiet kummerċjali? Tista' tindika jekk dawn humiex ser ikunu f'xi kunflitt f'każ li tiġi maħtur Ambaxxatur ta' Malta mhux residenti għal Lesotho?

Le, m'għandi ebda attivita' kummerċjali u allura m'hemm ebda kunflitt ta' nteress f'dan ir-rigward.

12. Tista' tiddikjara jekk għandekx xi kunflitt ta' interess f'din il-ħatra tiegħek?

Le, m'għandi ebda kunflitt ta' nteress.

13. Tista' tiddikjara jekk għandekx passaport jew ċittadinanza ta' pajjiż ieħor?

Le, niddikjara li m'għandi ebda passaport jew ċittadinanza ħlief dik Maltija.